Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 21411111 Fax No. 21411414

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali H'Attard

## Laqgħa Nru. 15/2016

Data: 31 ta' Mejju 2016

Hin: 5.30 ta' filghaxija

Post: Sala tal-Bini tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Stefan Cordina*** | *Sindku* |
| | ***Mark Anthony Spiteri*** | *Viċi Sindku* |
| | ***Marisa Abela*** | *Kunsillier* |
| | ***Raymond Azzopardi*** | *Kunsillier* |
| | ***John Debono*** | *Kunsillier* |
| | ***Alex Mangion*** | *Kunsillier* |
| | ***Connie Scerri*** | *Kunsillier* |
| | ***Alfred Zammit*** | *Kunsillier* |
| | ***Marica Mifsud*** | *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | ***Ralph Cassar*** | *Kunsillier* |
| Assenti: | | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti Mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Decizjoni Board t'Evalwazzjoni Tenders April 16;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Affarijiet Ohra;
8. Aġġornament.

## Minuti - 15/2016

Kulhadd kien prezenti u fil-hin barra is-Sur Ralph Cassar.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Approvati

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma kienx hemm punti mqajjma.

Is-Sindku talab sospensjoni sabiex jitkellem is-Sur Joe Micallef min-naha tal-Malta Marathon Organising Committee li barra li hu l-persuna li tieghu hsieb din l-organizzazjoni flimkien ma' Mario Chetcuti u Edwin Attard huwa wkoll Direttur tal-iStarlights Basketball. Is-Sur Micallef qal il ilhom jorganizzaw tlielaq ghaz-Zurrieq Wolves u Ladies Running Club fost ohrajn, tul dawn l-ahhar snin u n-nies ma naqqsu qatt. Il-maratoni organizzati mill-Malta Marathon jigbdu hafna atleti u gieli lahqu l-1000 atleta f'darba biss. Hu qal li l-event tibqa' tal-Kunsill imma jsir kuntratt indefinit u l-organizzazzjoni ssir min-naha taghhom. Fost affarijiet li semma li jinkludu post fejn jilqa' l-atleti biex ihallsu l-*fee*, wera wkoll medalja li tinghata lill-kull atleta bl-arma tal-Kunsill u xbieha ghazla tal-Kunsill. L-attleti pero' qal hu ma jinghatawx *goodie bag* bhal ma kienu qabel imma medalja biss. Qal ukoll li huma ghandhom l-isponsors taghhom fosthom Powerade u San Michel. Semma wkoll li kull atleta ha jkollu *chip timing* dejjem jekk ikun hemm iktar minn 500 atleta. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ahhar tellieqa organizzata gabet lill-Kunsill *break even* fl-ispejjez fejn qabel kienu jinhargu bosta euro biex jigu organizzati dawn it-tleilaq. Issa qalet hi ma tixtieqx li jinhargu spejjez biss u ma jkunx hemm mezz ta' dhul. Ghallinqas talbet hi, jinghataw lura l-ispejjez relatati ma' sahra tal-istaff. Id-diskussjonijiet sa jkomplu wara li s-Sur Micallef jibghat kopja tal-Agreement.

# 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lil kulhadd li l-Kunsill kellu problema bil-qtugh ta'

haxix minn residenzi privati minhabba li Wasteserv ma baqatx taccetta haxix f'boroz li jigi mhallat ma' skart domestiku. Hu qal li l-problema sorgiet wara li meta beda jmur jarmi l-Maghtab ir-trakk tal-iskart, dan kien qed jigi avzat biex ma jibqax ihallat iktar u jigi dispost separatament. Wasteserv giet mistoqsija wkoll dwar il-fatti godda u kkonfermat li zkuk, frieghi u boroz bil-weraq u hamrija ma setghux jigu mhallta mad-domestiku, imma li ftit weraq biss mad-domestiku kien accettat. Dan irrizulta f'ammont konsiderevoli ta' skart li ma bedix jingabar u beda jakkumula madwar ir-rahal kollu. Ovvjament kella tittiehed decizjoni malajr u dan kellu jibda jingabar b'effett immedjat mal-Bulky Refuse u jigi recikklat fil-facilitajiet tal-Wasteserv f'Ta' Qali. L-ammont ta' bulky zdied konsiderevolment b'madawr 200 bulky extra fix-xahar u l-ispiza telghet b'€1000 iktar. Li kellu jitqabbad it-trakk tal-iskart jigbor separatament l-ispiza kienet titla' €2,200. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li trid tinstab soluzzjoni malajr kemm jista' jkun u hemm biss xahar zmien ghax ma jistax ikun li tibqa' tizdied l-ispiza. Hi qalet li l-isforzi li kienu qed isiru min-naha taghha biex jitrazznu l-ispejjez kienu ha jisfaxxaw fix-xejn. Kulhadd qabel li ghandha tinstab l-irhas
3.2 soluzzjoni possibbli bl-inqas spiza jew inkella kompla s-Sur SC jaghmel tajjeb ghaliha l-Gvern.

Is-Sur SC nforma l-Kunsill li wara hafna sforzi biex jingab numru tat-telefon mill-MIP u ittra min-naha taghhom biex jassumu responsabbilta' tal-permessi fuq l-art taghhom, li rrizulta f'bosta nkwiet li kellhom ghanki jingabu *security* fi zmien l-Ghid biex izommu l-buon ordni ghall-hrug ta' permessi tal-Lost and Found, sa fl-ahhar instabet soluzzjoni u dak kollu mitlub mill-Kunsill gie
3.3 accettat mill-MIP. Ghaldaqstant talab li l-mozzjoni tigi rtirata. Kulhadd accetta.

3.4 Is-Sur SC semma wkoll l-Ufficcini tal-Kunsill, wara dan l-incident kellu bzonn isirlu bieb gdid bhalha sigurta' ghall-istaff. Kulhadd qabel.

Is-Sur Cordina ressaq ukoll rikjesta sabiex jinxtara laptop gdid ghas-Sinjura Mifsud minhabba li ghax-xoghol tal-*accounts* dak prezenti

ma kienx bizzejjed u kien qed jiggamjala kollox. Il-laptop l-iehor jekk kulhadd jaccetta kien ha jigi *formatted* u jintuza' *front office* ghad-doveri li kull ma jmorru qed jizdiedu. Kulhadd qabel.

## 4. Korrispondenza

**4.1** E-mail biex tissemma triq ghas-Sur Roderick Bovington. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li biex tissemma triq wiehed irid ikun ilu mejjet 5 snin u hemm diffikultajiet li wiehed mhux *fair* li wiehed jimponi fuq ir-residenti tibdil li jkollhom jibdlu kollox.

**4.2** Tressqet ukoll korrispondenza min-naha tal-Perit fuq il-permessi godda tal-Kitchen Garden u gie deciz li ha jsiru xi oggezzjonijiet fosthom fuq il-kwistjoni li l-ikel jkun ha jibda jigi msajjar fuq il-post u allura l-permess irid jinbidel fi Class 4, li taghti lok ghall-iktar mwejjed u siggijiet u hinijiet ta' ftuh fit-tul. Kulhadd qabel.

Is-Sur Alex Mangion talab li jigi skuzat u halla l-kamra.

## 5. Decizjoni Bord t-Evalwazzjoni Tenders April 16

**5.1** Is-Sur MS qal li issa tard biex jghid l-opinjoni tieghu la l-Bord ga ddecieda imma kieku kien jiddiskuti l-kwistjoni tan-nies allokati fuq it-tender. Is-Sur JD qal li hadmuha u l-inqas wiehed kien ha jigi jhaddem nies bil-prekarjat u zgur li l-ammont kwotat fit-tender ma kienx ha johrog u ghalhekk marru fuq it-tieni l-irhas. Il-Kunsill approva r-rapport u t-tenders inghataw hekk:

ALC 01/16 Tender Street Sweeping – Charles Gauci

ALC 02/16 Tender Urban Greening Project – ELC kienet l-unika offerta.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**6.1** Il-pagamenti gew approvati, kif ukoll ir-rapport tal-Kwart tas-Sena Jannar – Marzu 2016.

## 7. Affarijiet Ohra

**7.1** Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab li tingab kwotazzjoni biex terga' ssir mill-gdid il-grada li kienet insterqed minn Masgar Pierre Muscat.

- Rega' talab biex jitkompla l-hajt ta' Wied Irmiedi. Is-Segretarju qalet li ghad m'ghandhiex informazzjoni fuq min kien ghamel ix-xoghol.

**7.2** Is-Sinjura Connie Scerri ressqet dawn il-punti:

- Qalet li xtaqet iggib jitkellem waqt laqgha tal-Kunsill lill-Professur Pawlu Pace fuq *Enviromental Awareness.* Hadd ma kellu oggezzjoni.

**7.3** Is-Sur Joe Debono ressaq dawn il-punti:

- Talab li jaraw sew it-Tender tal-Urban Greening u li jiltaqghu ma jdumux jew isir kuntatt malajr mal-ELC issa li dawn inghataw it-tender.

**7.4** Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Qal li attenda l-laqgha tas-Sindki u Vici- Sindku Ghawdex u li fost affarijiet li ssemmew kien hemm li ha jigu assenjati haddiema mill-ETC fuq skemi differenti mal-Kunsilli.
- Li ressaq ghall-attenzjoni il-kwistjoni li ghandu l-Kunsill fuq il-barriera ta' Venven li issa saret Bilom imma ma hax sodisfazzjoni.
- Li ssemma wkoll certu Roderick Galdes mill-Animal Welfare u ghamel enfazi fuq l-uzu tal-pesticidi.

**7.5** Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Li hemm tappiera perikoluza fi Triq l-Imdina quddiem Pit Stop. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din ga giet irrapurtata.

## 8. Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 5 ta' Lulju fil-5.30pm

**IFFIRMATA**

***Stefan Cordina***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Marica Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 5 ta' Lulju 2016